VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,093, 28 ta' Mejju, 2013
Taqsima B

A.L. 151 tal-2013

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Ordni tal-2013 dwar il-Prevenzjoni ta' Ferimenti bi Xfar Jaqtgħu fi Sptarijiet u Stabbilimenti tal-Kura tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamel dan l-ordni li ġej:-

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni tal-2013 dwar il-Prevenzjoni ta' Ferimenti bi Xfar Jaqtgħu fi Sptarijiet u Stabbilimenti tal-Kura tas-Saħħa. Titolu.

2. F'dan l-Ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra: Tifsir.

"ġerarkija ta' miżuri" tfisser l-ordni ta' effettività ta' miżuri li jittieħdu biex jiġu evitati, eliminati u mnaqqsa r-riskji kif imfissra fl-artikolu 6(2) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol; Kap. 424.

"ħaddiem" tinkludi lil kull persuna impjegata minn prinċipal inklużi *trainees*, studenti u apprendisti fis-settur ta' servizzi u attivitajiet li jkollhom direttament x'jaqsmu mal-isptar u l-kura tas-saħħa irrispettivament minn jekk dak l-impjieg ikunx ta' xorta permanenti jew temporanja;

"miżuri preventivi" tfisser dawk il-miżuri li jittieħdu biex jipprevjenu xi feriment u, jew trasmissjoni ta' infezzjoni meta jkunu qegħdin jingħataw servizzi u attivitajiet li jkollhom direttament x'jaqsmu mal-kura li tingħata fi sptar u mal-kura tas-saħħa, inkluż l-użu tat-tagħmir l-iżjed sigur meħtieġ, msejsa fuq il-valutazzjoni ta' riskju u metodi siguri ta' maniġġ ta' rimi ta' xfar mediċi li jaqtgħu;

"post tax-xogħol" tinkludi kull organizzazzjoni jew servizz tal-kura tas-saħħa kemm fis-settur pubbliku jew dak privat, u kull post ieħor fejn jiġu eżerċitati u jingħataw servizzi u, jew attivitajiet tas-saħħa, taħt l-awtorità maniġerjali u s-superviżjoni tal-prinċipal;

"prinċipal" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-immaniġġar, organizzazzjoni u provvista ta' kura tas-saħħa u servizzi jew attivitajiet li għandhom x'jaqsmu direttament li jingħataw minn ħaddiema li jkollhom relazzjoni ta' impjieg ma' xi

VERŻJONI ELETTRONIKA

ħaddiem u tinkludi kuntratturi u subkuntratturi;

"rappreżentanti tal-ħaddiema" u "rappreżentanti tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema" għandu jkollhom l-istess tifsir bħal dak mogħti fl-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, u l-liġijiet sussidjarji relattivi;

Kap. 424.

"xfar li jaqtgħu" tfisser oġġetti jew strumenti meħtieġa biex jitwettqu attivitajiet ta' kura tas-saħħa speċifiċi, li jistgħu jaqtgħu, iniġġiżu, jikkaġunaw feriment u, jew infezzjoni.

Skop.

3. L-iskop ta' dan l-Ordni hu li jimmira biex jikseb l-aktar ambjent tax-xogħol sigur possibbli għal ħaddiema fil-kura tas-saħħa billi jipprevjeni ferimenti kaġunati minn xfar mediċi li jaqtgħu, inklużi ferimenti kaġunati minn labar mediċi, il-ħarsien tal-ħaddiema kollha li jkunu jinsabu f'riskju billi jiġu stabbiliti *policies* dwar il-valutazzjoni ta' riskju, il-prevenzjoni tar-riskju, taħriġ, informazzjoni, għarfien sħiħ u monitoraġġ u twaqqif ta' proċeduri ta' rispons u prosegwiment.

Applikabilità.

4. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Ordni għandhom japplikaw għall-ħaddiema kollha fis-setturi tal-isptar u tal-kura tas-saħħa, u għal dawk kollha li jinsabu taħt l-awtorità maniġerjali u superviżjoni ta' xi prinċipal.

Dmirijiet ta' kull prinċipal.

5. Mingħajr preġudizzju għal kull obbligu taħt kull liġi oħra, il-prinċipal ikollu d-dmir:

(a) li jiżgura s-sigurtà u s-saħħa ta' ħaddiema f'kull aspett li jkollu x'jaqsam ma' xogħlhom, inklużi fatturi psiko-soċjali u l-organizzazzjoni tax-xogħol;

(b) li jiżviluppa ambjent fejn il-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom jipparteċipaw fl-iżvilupp ta' *policies* u prattiċi dwar is-saħħa u s-sigurtà;

(ċ) li jiżgura li jingħata taħriġ fuq il-prevenzjoni tar-riskju ta' ferimenti u infezzjonijiet minn xfar mediċi li jaqtgħu;

(d) li jipprovdi r-riżorsi meħtieġa biex inaqqas kemm jista' r-riskju ta' ferimenti jew infezzjonijiet li jiġu kaġunati fuq il-post tax-xogħol;

(e) li jippromwovi kultura ta' ebda ħtija li tkun tiffoka fuq proċeduri ta' rappurtar ta' inċidenti fuq fatturi sistemiċi aktar milli fuq żbalji individwali.

Dmirijiet tal-impjegati.

6. Mingħajr preġudizzju għal kull obbligu taħt kull liġi oħra, il-ħaddiem ikollu d-dmir:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) li jieħu ħsieb, kemm jista' jkun, tas-sigurtà u s-saħħa tiegħu u dik ta' persuni oħra li jintlaqtu mill-azzjonijiet tiegħu fuq ix-xogħol, konformi mat-taħriġ u l-istruzzjonijiet li jingħatawlu mill-prinċipal;

(b) li jagħmel it-taħriġ li joffrilu l-prinċipal tiegħu fuq il-prevenzjoni tar-riskju ta' ferimenti u infezzjonijiet minn xfar mediċi li jaqtgħu;

(ċ) li juża r-riżorsi li jagħtih il-prinċipal biex inaqqas ir-riskju ta' ferimenti jew infezzjonijiet li jiġu kaġunati fuq il-post tax-xogħol.

Kooperazzjoni responsabbli.

8. Kull prinċipal, il-ħaddiema u r-rappreżentanti tal-ħaddiema għandhom ir-responsabbiltà li jaħdmu flimkien biex jipprevjenu u jeliminaw ir-riskji, iħarsu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, u joħolqu ambjent tax-xogħol sigur, iwettqu konsultazzjoni dwar l-għażla u l-użu ta' tagħmir sigur, billi jidentifikaw kif ikun l-aħjar mod li bih jingħataw taħriġ, informazzjoni u proċessi ta' għarfien sħiħ.

Valutazzjoni ta' riskju.
L.S. 424.18
L.S. 424.25

9. (1) Il-proċeduri valutazzjoni ta' riskju għandhom isiru mill-prinċipal konformement mar-Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, u r-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema minn Riskji relatati ma' l-Espożizzjoni għal Aġenti Bijoloġiċi fuq il-Post tax-Xogħol, u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi dawn għandhom:

(a) jinkludu determinazzjoni dwar espożizzjoni, waqt li tingħata konsiderazzjoni għall-importanza ta' ambjent tax-xogħol li li jkollu riżorsi tajbin u jkun organizzat;

(b) jqisu s-sitwazzjonijiet kollha fejn ikun hemm feriment, demm jew xi materjal ieħor potenzjalment infettiv;

(ċ) jqisu t-teknoloġija, l-organizzazzjoni fuq ix-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-livell ta' kwalifiki, fatturi psiko-soċjali li għandhom x'jaqsmu max-xogħol u l-influwenza ta' fatturi li jkollhom x'jaqsmu mal-ambjent tax-xogħol.

(2) L-iskop tal-valutazzjoni ta' riskju jkun dak li jidentifika kif tista' tiġi eliminata l-espożizzjoni u li jiġu kkunsidrati sistemi alternattivi possibbli.

Eliminazzjoni, prevenzjoni u protezzjoni.

10. Fejn ir-riżultati tal-valutazzjoni ta' riskju li tkun saret kif hemm fir-regolament 9 jikxfu r-riskju ta' ferimenti minn xfar mediċi li jaqtgħu u, jew xi infezzjoni, l-espożizzjoni tal-ħaddiema għandha

VERŻJONI ELETTRONIKA

tiġi eliminata bl-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri li ġejjin:

(a) billi jiġu speċifikati u implimentati proċeduri siguri għall-użu u r-rimi ta' strumenti mediċi li jaqtgħu u skart kontaminat; dawn il-proċeduri għandhom jiġu regolarment valutati mill-ġdid u għandhom jiffurmaw parti integrali mill-miżuri għall-informazzjoni u t-taħriġ tal-ħaddiema msemmija f'dan l-Ordni;

(b) bl-eliminazzjoni tal-użu mhux meħtieġ ta' xfar li jaqtgħu billi jiġu implimentati tibdiliet fil-prattika u abbażi tar-riżultati tal-valutazzjoni ta' riskju, provvista ta' apparat mediku li jinkorpora mekkaniżmi ta' protezzjoni manufatturati b'sigurtà;

(ċ) bil-projbizzjoni b'seħħ immedjat tal-prattika li oġġetti jerġgħu jitgħattew;

(d) billi jsiru proċeduri effettivi ta' rimi u jitqegħdu kontenituri immarkati b'mod ċar u li jkunu teknikament siguri għall-maniġġ ta' xfar li jaqtgħu u ta' tagħmir għall-injezzjonijiet li jkunu għar-rimi kemm jista' jkun fil-qrib ta' postijiet fejn jitqies li jkunu qegħdin jintużaw jew jinsabu xfar li jaqtgħu;

(e) bil-prevenzjoni tar-riskju ta' infezzjonijiet billi jiġu implimentati sistemi ta' xogħol siguri, billi:

(i) tiġi żviluppata politika ta' prevenzjoni globali koerenti, li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, fatturi psiko-soċjali li għandhom x'jaqsmu max-xogħol u l-influwenza ta' fatturi li jkollhom x'jaqsmu mal-ambjent tax-xogħol;

(ii) jingħata t-taħriġ meħtieġ;

(iii) isiru proċeduri ta' monitoraġġ tas-saħħa, kif prevista fir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema minn Riskji relatati ma' l-Espożizzjoni għal Aġenti Bijoloġiċi fuq il-Post tax-Xogħol; u L.S. 424.25

(f) bl-użu ta' tagħmir protettiv personali.

Vaċċinazzjoni f'każijiet ta' riskju.

11. (1) Jekk il-valutazzjoni msemmija fir-regolament 9 tikxef li jkun hemm xi riskju għas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema minħabba fl-espożizzjoni tagħhom għal aġenti bijoloġiċi li dwarhom ikunu jeżistu vaċċini effettivi, għaldaqstant ikun id-dmir tal-prinċipal li joffri l-vaċċinazzjoni lill-ħaddiema.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Kull vaċċinazzjoni u, jekk ikun meħtieġ, vaċċinazzjoni mill-ġdid għandha ssir kif hemm fil-programmi u r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika:

Iżda l-ħaddiema għandhom jiġu mgħarrfa bil-benefiċċji u l-inkonvenjenzi kemm jekk il-vaċċinazzjoni ssir kemm jekk ma ssirx u li l-vaċċinazzjoni tiġi offruta bla ebda ħlas lill-ħaddiema kollha.

Informazzjoni u għarfien sħiħ.

12. Il-prinċipal ikollu d-dmir dwar xfar li jaqtgħu, mingħajr preġudizzju għal kull obbligu ieħor taħt kull liġi oħra, li jieħu l-miżuri adatti biex:

(a) jindika b'mod ċar ir-riskji differenti;

(b) jagħti direzzjoni dwar liġijiet eżistenti;

(ċ) iġib 'il quddiem prattiċi dwar il-prevenzjoni u r-reġistrazzjoni ta' inċidenti u, jew aċċidenti;

(d) inissel għarfien billi jiżviluppa attivitajiet u materjal promozzjonali fi sħubija ma' *trade unions* rappreżentattivi u, jew ma' rappreżentanti tal-ħaddiema;

(e) jipprovdi informazzjoni fuq il-programmi ta' sostenn li jkunu disponibbli.

Taħriġ. Kap. 424.

13. (1) B'żieda mal-miżuri stabbiliti taħt l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u l-leġislazzjoni sussidjarja relattiva, kull prinċipal għandu jipprovdi t-taħriġ meħtieġ fuq bażi regolari filwaqt li tingħata konsiderazzjoni lir-riżultati ta' monitoraġġ, modernizzazzjoni u titjib inkluż:

(a) l-użu korrett ta' tagħmir mediku li jkollu mekkaniżmi ta' protezzjoni għal xfar li jaqtgħu;

(b) programmi ta' introduzzjoni għal kull persunal ġdid u temporanju;

(ċ) ir-riskju li hemm assoċjat mal-espożizzjoni għad-demm u għal fluwidi tal-ġisem;

(d) miżuri preventivi inklużi prekawzjonijiet *standard*, sistemi ta' xogħol siguri, l-użu u proċeduri ta' rimi kif imiss, l-importanza tal-immunizzazzjoni, kif ikun hemm fil-proċeduri fuq il-post tax-xogħol;

(e) ir-rappurtar, rispons u monitoraġġ ta' proċeduri u l-

VERŻJONI ELETTRONIKA

importanza tagħhom; u

(f) miżuri li għandhom jittieħdu fil-każ ta' ferimenti.

(2) Kull prinċipal għandu jiżgura li l-ħaddiema jitħallew jattendu għat-taħriġ provdut.

Rappurtar.

14. (1) Il-prinċipal għandu jwaqqaf proċedura li biha jkun jista' jiġi rappurtat kull feriment bi xfar jaqtgħu. Dan għandu jsir f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.

(2) Il-ħaddiema jkollhom ir-responsabbiltà li jirrappurtaw minnufih kull aċċident jew inċident li jkun jinvolvi xfar li jaqtgħu lill-prinċipal jew lil kull persuna oħra li tkun ġiet hekk delegata minnu.

Rispons u prosegwiment.

15. Malli jirċievi rapport ta' feriment, il-prinċipal għandu:

(a) minnufih jieħu kull pass meħtieġ għall-kura tal-ħaddiem ferut, inkluż l-għoti ta' profilassi għal wara l-espożizzjoni u t-testijiet mediċi meħtieġa fejn dawn jiġu indikati għal raġunijiet mediċi, u għas-sorveljanza adatta dwar is-saħħa kif hemm fir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema minn Riskji relatati ma' l-Espożizzjoni għal Aġenti Bijoloġiċi fuq il-Post tax-Xogħol;

L.S. 424.25

(b) jinvestiga l-kawżi u ċ-ċirkostanzi li jwasslu għall-feriment filwaqt li jirreġistra l-aċċident jew l-inċident, u fejn ikun adatt jieħu l-azzjoni meħtieġa; il-ħaddiema għandhom jipprovdu kull informazzjoni rilevanti fil-ħin adatt biex jitniżżlu d-dettalji tal-aċċident jew l-inċident;

(ċ) iqis il-ħtieġa li jagħti l-pariri lill-ħaddiema, fejn ikun adatt, u jiggarantixxi l-kura medika;

(d) iħares il-kunfidenzjalità tal-ħaddiem ferut u d-dijanjosi u l-kura li tirriżulta mill-feriment.

Kull prinċipal għandu jikkonforma ruħu.

16. Kull prinċipal ikollu d-dmir li jiżgura li jkun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Ordni.

Reati u pieni.

Kap. 465.

17. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, kull ksur ta' dawn ir-regolamenti jitqies bħala ksur tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, u jkun soġġett għall-pieni li jinsabu fl-imsemmi Att.